**MILL-ISTORJA TAT-TIĠRIJA TAL-VITORJA** **minn JOSEPH SERRACINO**

# MINN FOMM IL-QADDIEFA U D-DILETTANTI (33)

Fis-snin 90 jien komplejt bl-intervisti, kemm lill-membri tal-kumitati distrettwali, hemm partitarji kif ukoll dilettanti.

Insomma kulħadd jgħid tiegħu, min ifaħħar u min jikkritika. Wara li qrajna siltiet interessanti mill-intervisti ta' Summy Busuttil (ex-president tal-club tar-Regatta ta' Bormla u ex-president tal-Għaqda tar-Regatta) kif ukoll ta' John Brincat (bennej tad-dgħajjes) , iddeċidejt li nislet siltiet mill-intervista li kont għamilt f'nofs is-snin 90 ma' Michael Cutajar - ex-segretarju tal-club ta' Bormla.

Nittama li dawn is-siltiet qosra mill-intervista ta' Michael mhux biss jagħtuna stampa reali kemm Bormla kienet forza qawwija f'dawn it-tiġrijiet tradizzjonali , iżda wkoll kemm kienu jaħdmu u jistinkaw il-membri tal-kumitati (kollha) biex il-club tagħhom jikseb suċċess fir-Regatta Nazzjonali.

*Michael meta kemm sirt midħla tal-club tar-Regatta ta' Bormla, liema kariga kont tokkupa fil-kumitat u x'qaddiefa tiftakar fi żmienek? Barra hekk, tista' tagħtina stampa ċara tal-qawwa tat-tliet distretti tal-Kottonera fl-epoka li dwarha qegħdin nitkellmu?*

"Jien dħalt bħala segretarju tal-club tar-Regatta ta' Bormla wara Charlie Azzopardi li preżentament qed jerġa' jokkupa din il-kariga, u li fi żmienu Bormla rebħet sitt darbiet ix-Shield. Kien żmien meta l-aħwa Azzopardi kienu marru mal-Belt u s-sena ta' wara marru mal-Birgu.

"Kien żmien meta l-Birgu kienu armati tajjeb bl-aqwa qaddiefa li kien hemm fil-kanal għalkemm aħna konna armati tajjeb ukoll. Kien żmien ukoll meta mal-Birgu kien hemm Fanali, l-aħwa Azzopardi, l-aħwa Grech tal-Marsa, Elseworld u oħrajn.

"Aħna konna armati, iżda ma konniex armati daqshom! Jien xtaqt li nerġa' nġib lill-aħwa Azzopardi magħna, iżda dak iż-żmien is-'supporters' tagħna kienu maqsumin - iva, kien hawn qasma kbira! Għalhekk kontra qalbi ngħid li bdejt il-kariga tiegħi b'telfa. Iżda s-sena ta' wara erbaħniha aħna u bdejna sensiela ta' suċċessi.

"Snin wara nbiddlu ir-regolamenti, u f'sena minnhom, eżattament xi għaxart ijiem qabel il-Vitorja, Mario Azzopardi u Ġino Cassar irranġaw mal-Isla, qamet polemika kbira bejnietna, u quddiem din l-eventwalitá aħna kellna nċedu u dawn iż-żewġ qaddiefa marru ma' l-Isla.

"Issa tinsiex li Mario Azzopardi għandu storja għalih!. Dan il-qaddief kapaċi jarma distrett, għax minbarra li jieħu l-inizjativa f'idejh, huwa jgħallem lill-qaddiefa li jkollu miegħu. Ngħidlek issewwa, in-nuqqas ta' Mario konna ħassejnieh ħafna u d-distrett mar lura.

*Veru li minkejja qaddiefa ta' isem, bħal Mario Azzopardi u oħrajn, ma baqgħux magħkom, intom dejjem kontu tkunu armati tajjeb u meqjusin fost il-favoriti għar-rebħ tax-Shield?*

"Bla dubju ta' xejn, li f'kull edizzjoni tar-Regatta aħna konna armati tajjeb u mmorru biex nirbħu! Jekk ma jirnexxilniex nippruvaw narmaw aħjar issena ta' wara, iżda l-għan tagħna dejjem jibqa' wieħed - naqdfu biex nirbħu! Issa wieħed ma jistax jippretendi li fiż-żminijiet tal-lum, kemm fil-football, fit-tiġrijiet tad-dgħajjes u f'kull sport li ssemmi, ma jistax ikun tal-kumitat joqogħdu idejhom fuq żaqqhom u jistennew l-manna taqa' mis-sema.

"Illum kulħadd qed jippretendi l-flus - kemm players tal-football kif ukoll il-qaddiefa. Ħaġa tal-għaġeb, il-membri tal-Kumitat biss ma jippretendu xejn! Illum trid timxi maż-żmien - illum spiċċa żmien id-dilettanti.

"Spiċċa iż-żmien li wieħed jaqdef għad-distrett tiegħu għal xejn! Jien nitkellem fuq Bormla kullimkien, u kif taf int, l-Isla wara ħafna snin ta' diżappunti kbar, armaw tajjeb, u f'dawn l-aħħar snin daqu s-suċċess, imma issa qegħdin f'din is-sitwazzjoni, fejn irridu naħdmu u norganizzaw jekk irridu nibqgħu nżommu t-titlu jew l-Isla tibqa' tisfida għall-unuri.

Illum in-nies trid tifhem li l-football, ir-Regatta u l-isports kollu mhux tal-kumitat biss iżda tal-lokal kollu. Aħna nieħdu minna (ta' Bormla) .... kultant tiġi f'estremità li tibda tgħid, imma possibbli dawn qed jippretendu li r-Regatta hi tal-kumitat biss... u jekk hemm bżonn li toħroġ lira jrid joħrogħa l-kumitat? Taf xejn meta r-Regatta tkun tal-Bormliżi? ... dak in-nhar tar-Regatta biss ... sfortunatament in-nies naqset … illum lanqas waqt il-provi ma tara nies ix-xatt. Veru li din il-problema ta' kulħadd, iżda kulħadd iħoss tiegħu ..."

*Kif qed tgħid in-nies naqset ħafna! Ħafna dilettanti li jiftakru żmien aħjar fir-Regatta jistaqsu fejn huma l-eluf ta' spettaturi li kull sena kienu jinżlu fil-port biex isegwu r-Regatta Nazzjonali ... Int kif tħares lejn ir-Regatta ... tosserva li f'dawn l-aħħar snin marret lura?*

"Ir-Regatta marret lura minħabba ħafna affarijiet. Issa din tal-flus ... din tal-flus mhux aħna ġibniha … s'intendi kien hemm żmien meta aħna Bormla konna niftaħru li nħallsu iżjed minn ħaddieħor, issa ċerti distretti fehmuha. Ġara li l-Isla bdew joffru aktar flus biex jarmaw huma.

"Issa nerġa' niġi għall-argument, issa li kieku kulħadd kellu jagħmel bħal l-Isla, kieku żgur li r-Regatta tkun aktar akkanita."

*Int ma taħsibx li r-Regatta marret lura għaliex fejn fl-imgħoddi, ir-Regatta Nazzjonali kienet l-isport tal-ġurnata, illum qed isir ħafna sport ieħor fit-8 ta' Settembru u konsegwentament in-nies qed tonqos milli tattendi t-tiġrija?*

"Hekk hu, in-nies trid tifhimha li t-8 ta' Settembru kienet il-Jum Nazzjonali u r-Regatta kienet l-isport waħdani li kien isir f'din il-ġurnata. Kulħadd imur jara t-tiġrija b'xejn.

"Hemm bżonn li r-Regatta tibda titqies bħala l-uniku sport li jsir f'dan il-Jum jekk verament il-gvern jixtieq li din it-tradizzjoni tibqa' ħajja ..."

*Ta' kull sena tisma' ħafna lmenti minn partitarji ta' kull distrett, li filgħaxija jinżlu ħdejn l-imħażen tagħhom biex isegwu l-provi u meta jinżlu u jistaqsu jekk il-qaddiefa niżlux għall-provi, jgħidulhom li taw qadfa u marru jieħdu t-triq fil kanal … int x'taħseb dwar dawn l-ilmenti, il-partitarji għandhom raġun jew le?*

"Iva, għandhom raġun u jien naqbel magħhom mija fil-mija … il-partitarji għandhom dritt li jaraw it-taħriġ tad-dgħajjes qrib il-maħżen tiegħhom.

"Iva, jien naqbel li d-dgħajjes kollha ta' kull club jittrenjaw fil-viċinanza tal-imħażen tagħhom imbagħad jidħlu fil-kanal fil-bidu ta' Settembru, mhux hekk kien isir snin ilu.

"Jien niftakar, li ta' kuljum kienu jinżlu mijiet ta' partitarji jaraw it-taħriġ tad-dgħajjes, imbagħad f'Settembru konna mmorru narawhom jieħdu t-triq mid-dwana.

"Din is-sena aħna se nkunu wieħed mill-protagonisti ta' din it-tiġrija u l-ġlieda sportiva tagħna se tkun mal-Isla u mal-Marsa li wkoll huma armati tajjeb."



Dwell finali bejn Bormla u l-Kalkara fil-korsa tad-dgħajjes tal-Midalji fl-1980